

Brussell, 8 ta' April 2026  
(OR. en)

7990/26

DELECT 66  
PECHE 118

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2111 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'7.4.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 fir-rigward tal-miżuri ta' konservazzjoni fis-sit ta' Nordvästra Skånes havsområde fil-Kattegat

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2111 final.

Mehmuż: C(2026) 2111 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.4.2026  
C(2026) 2111 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'7.4.2026**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 fir-rigward tal-miżuri ta' konservazzjoni fis-sit ta' Nordvästra Skånes havsområde fil-Kattegat**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013<sup>1</sup> jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati dwar miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd li huma meħtieġa għall-fini li l-Istati Membri jikkonformaw ma' ċerti obbligi skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi tal-UE dwar in-Natura (id-Direttivi dwar il-Ħabitats<sup>2</sup> u l-Għasafar<sup>3</sup>), l-Istati Membri huma obbligati li jiddeżinjaw, rispettivament, żoni speċjali ta' konservazzjoni u żoni ta' protezzjoni speċjali sabiex jiġu protetti l-ħabitats u l-ispeċijiet ta' interess tal-UE. Dawn iż-żoni jiffurmaw in-network ekoloġiku Ewropew ta' Natura 2000. L-Istati Membri iridu jistabbilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa biex jilħqu l-oġettivi ta' konservazzjoni tas-siti u jieħdu l-passi xierqa biex jevitaw id-deterjorament tal-ħabitats naturali u d-disturb sinifikanti tal-ispeċijiet li għalihom ġew iddeżinjati s-siti. Tali miżuri għandhom jikkorrispondu mar-rekwiżiti ekoloġiċi tal-ħabitats naturali u tal-ispeċijiet preżenti fis-sit, u jistgħu jinkludu miżuri relatati mas-sajd.

Skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD, Marine Strategy Framework Directive<sup>4</sup>), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiksbu jew iżommu status ambjentali tajjeb. Meta l-Istati Membri jqisu li huma meħtieġa ċerti miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 13(4) tal-MSFD, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-Għasafar, jew skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, dawn il-miżuri iridu jiġu adottati f'konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd (PKS).

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/118<sup>5</sup> stabbilixxa miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd f'ċerti żoni tal-Baħar tat-Tramuntana.

Nordvästra Skånes havsområde (SE0420360) huwa sit ta' Natura 2000 li jikkoinċidi mar-riżerva naturali Skånska Kattgatt. Dawn iż-żoni ġew iddeżinjati biex jiproteġu d-denfil iswed (*Phocoena phocoena*, kodiċi tal-ispeċijiet 1351), speċijiet oħra bħall-foka griża (kodiċi tal-ispeċijiet 1364) u 41 speċi ta' għasafar, kif ukoll ħabitats tal-qiegħ il-baħar.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22–61, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj/eng>).

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj/eng>).

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25, <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj/eng>).

<sup>4</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19–40, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj/eng>).

<sup>5</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/118 tal-5 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu fil-Baħar tat-Tramuntana (ĠU L 19, 25.1.2017, p. 10–25, ELI: [https://eur-lex.europa.eu/eli/reg\\_del/2017/118/oj](https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_del/2017/118/oj)).

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Saru diversi studji fi ħdan Nordvästra Skånes havsområde matul dawn l-aħħar 10 snin, skont l-informazzjoni ta' sostenn tar-rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mill-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana. Speċifikament dwar id-denfil iswed, l-istħarriġiet ewlenin kienu: (i) SCANS (Small Cetacean Abundance in the North Sea and Adjacent Waters) b'osservaturi abbord; (ii) miniSCANS, studji fl-ajru bl-użu ta' inġenji tal-ajru bi ġwienaħ ġholjin; u (iii) studji oħra li jużaw dniefel suwed rintraċċati bis-satellita. Il-popolazzjoni tad-denfil iswed preżenti fis-sit hija l-popolazzjoni tal-Baħar Belt, li tista' tinstab matul is-sena kollha.

Fil-perjodu 2019–2021, l-Iżvezja wettqet konsultazzjonijiet dwar miżuri ta' konservazzjoni f'żoni protetti tal-baħar li kienu jinvolvu l-industrija tas-sajd, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-istitut tal-baħar SLU Aqua u l-awtoritajiet reġjonali.

Fl-2021, l-Iżvezja ppreżentat l-ewwel abbozz tar-rakkomandazzjoni konġunta lill-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana u lill-Kummissjoni.

Fid-19 ta' April 2024, l-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana kkonsultaw lill-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana (NSAC, North Sea Advisory Council) dwar ir-rakkomandazzjoni konġunta maqbula u, fis-7 ta' Ġunju 2024, l-NSAC ħareġ opinjoni li ġabret il-fehmiet tal-industrija tas-sajd u ta' gruppi ta' interess oħra.

Fis-6 ta' Novembru 2024, l-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana ressqu rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni dwar miżuri ta' konservazzjoni għas-sit Nordvästra Skånes havsområde bl-għan li jiġi minimizzat ir-riskju potenzjali ta' qabdiet inċidentali tad-denfil iswed. Ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi żona ta' projbizzjoni totali fejn is-sajd huwa pprojbit u żewġ żoni oħra fejn l-irkapti mobbli li jiġu f'kuntatt mal-qieġ huma pprojbiti u s-sajd bix-xbieki statiċi, bil-konzijiet u bix-xbieki fyke huwa ristrett.

Fis-sessjoni plenarja tiegħu tal-24–28 ta' Marzu 2025, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF, Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries) irriveda r-rakkomandazzjoni konġunta u kkonkluda<sup>6</sup> li ż-żona ta' projbizzjoni totali telimina kwalunkwe impatt negattiv tal-attività tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar u l-użu ta' apparati akustiċi deterrenti (ADD, acoustic deterrent devices) jista' jnaqqas il-qabdiet inċidentali ta' mammiferi u għasafar tal-baħar li jinnavigaw iż-żoni. L-STECF qajjem ukoll tħassib dwar l-użu ta' ADD relatat mad-densità tal-bastimenti tax-xbieki u mar-riskju tal-ispostament tad-dniefel suwed mill-ħabitat tagħhom. L-STECF irrefera wkoll għal miżura aktar effettiva li tkun tikkonsisti fil-projbizzjoni tas-sajd kollu bix-xbieki fiż-żona. Fir-rigward tas-sajd rikreattiv, l-STECF ikkonkluda li r-restrizzjoni tas-sajd rikreattiv bix-xbieki fyke għaż-żoni tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tista' tgħin biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali ta' mammiferi u għasafar tal-baħar.

Fis-17 ta' Ġunju 2025, l-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta aġġornata li tipproponi reviżjoni possibbli tal-miżuri fl-2027, fid-dawl tad-data dwar il-qabdiet inċidentali jew ta' kwalunkwa parir xjentifiku xieraq ġdid.

F'Ottubru 2025, l-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana komplew jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tal-permessi li jistgħu jingħataw fiż-żona tan-Nofsinhar ta' Nordvästra Skånes havsområde, sabiex jallinjaw ir-rakkomandazzjoni konġunta mad-dispożizzjoni korrispondenti tagħha fid-dokument ta' sostenn.

<sup>6</sup> Il-Kummissjoni Ewropea: Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, 78th plenary report (STECF-PLN-25-01), Nord, J. u Doerner, H. (edituri), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea il-Lussemburgu, 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2760/8733382>, JRC142271.

Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat permezz ta' proċedura bil-miktub f'Diċembru 2025.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

#### **Sommarju tal-azzjoni**

L-azzjoni ewlenija hija li jiġu adottati l-miżuri li huma meħtieġa biex l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt ambjentali tal-Unjoni.

#### **Bażi legali**

L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'7.4.2026

## li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 fir-rigward tal-miżuri ta' konservazzjoni fis-sit ta' Nordvästra Skånes havsområde fil-Kattegat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri għandhom is-setgħa li fl-ilmijiet tagħhom jadottaw il-miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd li huma meħtieġa biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ("id-Direttiva dwar il-Ħabitats")<sup>2</sup>, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva dwar l-Għasafar")<sup>3</sup> u skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina")<sup>4</sup>.
- (2) L-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għaż-żoni speċjali ta' konservazzjoni li jikkorrispondu għar-rekwiżiti ekoloġiċi tat-tipi ta' habitats naturali u l-ispeċijiet protetti fis-siti. Dan jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jieħdu l-passi x-xierqa biex jevitaw id-deterjorament tal-ħabitats naturali u tal-ħabitats tal-ispeċijiet, kif ukoll id-disturb sinifikanti tal-ispeċijiet li għalihom ikunu ġew iddeżinjati ż-żoni.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 13(4) tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, l-Istati Membri jridu jadottaw programmi ta' miżuri biex jiksibu jew iżommu status ambjentali tajjeb, li jinkludu miżuri ta' protezzjoni spazjali li jikkontribwixxu għal networks koerenti u rappreżentattivi ta' żoni marini protetti, u jkopru b'mod adegwat id-diversità tal-ekosistemi kostitwenti, bħal żoni speċjali ta' konservazzjoni skont id-Direttiva 92/43/KEE, bħal żoni ta' protezzjoni speċjali skont id-Direttiva

<sup>1</sup> ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj/mlt>.

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj/eng>).

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj/eng>).

<sup>4</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj/eng>).

2009/147/KE, u bħal żoni marittimi protetti kif miftiehma mill-Unjoni jew mill-Istati Membri kkonċernati fil-qafas ta' ftehimiet internazzjonali jew reġjonali li għalihom ikunu partijiet.

- (4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/118<sup>5</sup> jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu f'ċerti żoni marittimi protetti fil-Baħar tat-Tramuntana.
- (5) Fis-6 ta' Novembru 2024, l-Iżvezja (l-Istat Membru inzjanti), flimkien mad-Danimarka u l-Ġermanja (li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sit tas-sajd) u mal-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana l-oħra, ressqet rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni dwar miżuri ta' konservazzjoni għas-sit Nordvästra Skånes havsområde bl-għan li jiġi minimizzat ir-riskju potenzjali ta' qabdiet inċidentali tad-denfil iswed. Il-proposta tinkludi żona ta' projbizzjoni totali u żewġ żoni oħra fejn l-irkapti mobbli li jiġu f'kuntatt mal-qiegħ huma pprojbiti u s-sajd bix-xbieki statiċi, bil-konzijiet u bix-xbieki fyke huwa ristrett.
- (6) Fis-sessjoni plenarja tiegħu tal-24–28 ta' Marzu 2025, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF, Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries) irriveda r-rakkomandazzjoni konġunta u kkonkluda<sup>6</sup> li ż-żona ta' projbizzjoni totali telimina kwalunkwe impatt negattiv tal-attività tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar u l-użu ta' apparati akustiċi deterrenti (ADD, acoustic deterrent devices) jista' jnaqqas il-qabdiet inċidentali ta' mammiferi u għasafar tal-baħar li jinnavigaw iż-żoni. L-STECF qajjem ukoll tħassib dwar l-użu ta' ADD relatat mad-densità tal-bastimenti tax-xbieki u mar-riskju tal-ispostament tad-dniefel suwed mill-ħabitat tagħhom. L-STECF irrefera wkoll għal miżura aktar effettiva li tkun tikkonsisti fil-projbizzjoni tas-sajd kollu bix-xbieki fiż-żona. Fir-rigward tas-sajd rikreattiv, l-STECF ikkonkluda li r-restrizzjoni tas-sajd rikreattiv bix-xbieki fyke għaż-żoni tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tista' tgħin biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali ta' mammiferi u għasafar tal-baħar.
- (7) Fis-17 ta' Ġunju 2025, l-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta aġġornata li tipproponi revizzjoni possibbli tal-miżuri fl-2027, fid-dawl tad-data dwar il-qabdiet inċidentali jew ta' kwalunkwa parir xjentifiku xieraq ġdid.
- (8) F'Ottubru 2025, l-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana komplew jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tal-permessi li jistgħu jingħataw fiż-żona tan-Nofsinhar ta' Nordvästra Skånes havsområde, sabiex jallinjaw ir-rakkomandazzjoni konġunta mad-dispożizzjoni korrispondenti tagħha fid-dokument ta' sostenn. Meta jitqies li l-miżuri proposti jistgħu jnaqqsu l-qabdiet inċidentali ta' mammiferi u għasafar tal-baħar fiż-żoni tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tas-sit, il-Kummissjoni hija tal-fehma li dawn jikkontribwixxu għall-objettiv li jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa u jiġu minimizzati l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri kkonċernati jirrieżaminaw id-data dwar il-qabdiet inċidentali tad-denfil iswed kull

<sup>5</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/118 tal-5 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu fil-Baħar tat-Tramuntana (ĠU L 19, 25.1.2017, p. 10–25. ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2017/118/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/118/oj)).

<sup>6</sup> Il-Kummissjoni Ewropea: Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, 78th plenary report (STECF-PLEN-25-01), Nord, J. u Doerner, H. (edituri), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea il-Lussemburgu, 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2760/8733382>, JRC142271.

sena, jivvalutawha sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027, u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati ta' din il-vatutazzjoni. Kwalunkwe data dwar qabdiet incidentalni jew kwalunkwe data xierqa ġdida, inkluż parir xjentifiku, rilevanti għall-użu ta' apparat akustiku deterrenti fir-rigward tad-denfil iswed, jenħtieġ li tintuża sabiex jiġu aġġustati l-miżuri ta' konservazzjoni kif xieraq, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 1380/2013.

- (9) Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat (UE) 2017/118 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.
- (10) Dan ir-Regolament Delegat huwa mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa ta' miżuri ta' konservazzjoni addizzjonali meħtieġa għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2009/147/KE, tad-Direttiva 92/43/KEE u tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni rigward il-konformità tal-Istati Membri interessati mal-obbligi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/118 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt 1(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) fiż-żoni 1(1) sa 1(17), ħlief fiż-żoni ta' twissija rispettivi 1(10.az), 1(11.az), 1(12.az), 1(13.az), 1(14.az) u 1(15.az) għandhom ikunu pprojbiti l-irkapti li ġejjin: xibka tat-tkarkir tal-qieġh (TB), xibka tat-tkarkir bi travu (TBB), xibka tat-tkarkir tal-qieġh bid-diriġenti (OTB), xibka tat-tkarkir bid-diriġenti tewmin (OTT), xibka tat-tkarkir tal-qieġh bil-paranzi (PTB), xibka tat-tkarkir għall-awwisti (TBN), xibka tat-tkarkir għall-gambli (TBS), tartarun (SX), tartarun Daniż (SDN), tartarun Skoċċiż (SSC), tartarun Skoċċiż bil-paranzi (SPR), tartarun tad-dgħajjes jew tal-bastimenti (SV), ħlief l-attivitajiet tas-sajd bi xbieki tat-tkarkir bi travu u b'kalamenti bir-rombli b'daqs tal-malja bejn 16 u 31 mm (TBB\_CRU\_16-31) fis-sajd tradizzjonali li jimmira lejn il-gambli tar-ramel (*Crangon spp.*) fiż-żona 1(10)(b);”

(b) fil-paragrafu 1, il-punt 1(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) barra minn hekk, fiż-żoni 1(10) sa 1(17), ħlief fiż-żoni ta' twissija rispettivi 1(10.az), 1(11.az), 1(12.az), 1(13.az), 1(14.az) u 1(15.az) għandhom ikunu pprojbiti l-irkapti li ġejjin: gangmu tad-dgħajjes (DRB) u gangmu mekkanizzat li jinkludi gangmu b'pompa tal-ġbid (HMD)”;

(c) fil-paragrafu 2, il-punt 2(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) l-operazzjonijiet tas-sajd fiż-żoni 2(25), 2(27) u 2(29) taż-Żoni 2.”

(d) jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

“7. Għandu jkun ipprojbit is-sajd bl-għeżula u bix-xbieki tat-tħabbil, bix-xbieki fyke (FYK) u bil-konzijiet (LL, LLD u LLS), kif ġej:

- (a) Fiż-żona 1(16), fil-perjodu bejn il-15 ta' Novembru u l-15 ta' Marzu ta' kull sena. Fil-perjodu bejn is-16 ta' Marzu u l-14 ta' Novembru ta' kull sena, is-sajd bl-għeżula u bix-xbieki tat-tħabbil għandu jkun ipprojbit mingħajr l-użu simultanju ta' apparati akustiċi deterrenti li għandhom jissodisfaw l-

ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kundizzjonijiet tal-użu stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/967 (\*\*\*)

- (b) Fiż-żona 1(17), fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru ta' kull sena. B'deroga minn din il-projbizzjoni, l-awtoritajiet Żvediżi jistgħu jippermettu s-sajd kummerċjali dment li l-attività tas-sajd tkun kompatibbli mal-oġġettivi ta' konservazzjoni ta' din iż-żona ristretta tas-sajd. Dawn il-liċenzji għandhom ikunu marbuta ma' rekwiżiti speċifiċi, bħall-użu ta' apparati akustiċi deterrenti, il-ġbir tad-data permezz ta' kameras jew osservaturi abbord u/jew restrizzjonijiet ġeografiċi.
- (c) Is-sajd rikreattiv b'għadd massimu ta' sitt xbieki fyke mgħammra b'żewġ fetħiet ċirkolari għall-ħruġ b'dijametru ta' mill-inqas 75 mm li jinsabu fuq kull naħa tal-manka għandu jkun permess matul is-sena kollha fiż-żoni 1(16) u 1(17).

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrieżaminaw id-data dwar il-qabdiet inċidentali tad-denfil iswed kull sena u għandhom jivvalutawha sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027. Id-data dwar il-qabdiet inċidentali jew kwalunkwe informazzjoni rilevanti, inkluża evidenza xjentifika dwar l-użu ta' apparati akustiċi deterrenti fir-rigward tad-denfil iswed, għandha tintuża sabiex tiġi aġġustata l-miżura ta' konservazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 11 u 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013."

(\*\*\*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/967 tat-3 ta' Lulju 2020 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-karatteristiċi tas-sinjal u tal-implimentazzjoni ta' apparat akustiku deterrenti kif imsemmi fil-Parti A tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi (ĠU L 213, 6.7.2020, p. 4, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2020/967/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/967/oj)).

(2) Fl-Artikolu 4, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Il-bastimenti tas-sajd jistgħu jagħmlu tranżitu fiż-żoni 1(16), 1(17) u 2(1) sa 2(29) dment li kull irkaptu li jkollhom abbord jintrabat u jiġi stivat f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

3. Il-veloċità matul it-tranżitu għall-bastimenti tas-sajd kollha li ma humiex awtorizzati jistadu fiż-żoni 1(10) sa 1(17), inkluż fiż-żoni ta' twissija rispettivi 1(12.az), 1(13.az), 1(14.az) u 1(15.az), fiż-żoni 2(28), 2(29) u fiż-żoni 4(1) sa 4(3), ma għandhiex tkun inqas minn sitt mili tal-baħar ħlief fil-każ ta' force majeure, f'konformità mal-Artikolu 50(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(3) Fl-Artikolu 5, il-paragraph 1, il-punt 1(a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-bastimenti tas-sajd kollha preżenti fiż-żona tal-baħar protetta ta' Bratten u fiż-żoni 1(16), 1(17) u 2(29)".

(4) L-Annessi I, II u II huma emendati f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7.4.2026

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*